# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Jannar, 2002**

**Kawza Numru: 23**

**Citaz. Nru. 483/00GV**

Doc. 198-02

**Nicholas sive Lino Debono**

**vs**

**Kummisarju tal-Pulizija u l-Prim Ministru**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-attur fit-22 ta' Ottubru, tal-1994, kien mar fl-ghassa tal-Pulizija ta' Haz-Zabbar biex jaghmel rapport lill-Ispettur tal-Pulizija fil-lokal, dwar l-ilment tieghu fuq il-hsejjes u t-tfixkil li kien qed isofri minnu minhabba l-"Cool Club", alias "The Knight 2" post ta' divertiment, li

kien jinsab adjacenti ghall-fond ta' residenza tieghu f'"The Cypress" Triq Sant Antnin, f'Marsaskala.

Premess illi dan ir-rapport, l-ahhar wiehed f'sensila, kien sar lill-ufffjali tal-Pulizija li kienu xoghol dak in-nhar u cioe' lill-kuntistabbli Louis Grech numru 291, fil-prezenza ta' ufficjali ohra, u li gie mghoddi lis-superjur dirett tieghu s-surgent Joseph Schembri numru 782.

Premess illi dawna l-ufficjali tal-Pulizija, subalterni tal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija, flok nizzlu l-okkorrenza kif rapportata mill-attur, ghamlu rapport mghawweg u falz, li ghab-bazi tieghu l-attur nnffsu kien gie akkuzat b'atti kriminali, liema akkuzi kienu gew iffirmati mill-ispettur Mario Bonello, ufficjal subaltern iehor tal-konvenut Kummissaiju tal-Pulizija.

Premess li l-attur kien gie akkuzat skond l-anness dokument 'A' b'diversi delitti quddiem il-Qorti tal-Magistrati, b'assidwita w eccess ta' zelu li eventwalment wasslet lill-Qorti biex tosserva li l-Pulizija *threw the book* kontra l-attur.

Premess li l-proceduri hekk mibdija mill-konvenut, Kummissarju tal-Pulizija permez tas-subalterni tieghu, damu sejrin mill-1994 sal-1999 meta fis-26 ta' Ottubru l-attur kien gie liberat minn kull akkuza.

Premess illi minhabba n-nuqqas tal-konvenuti fuq indikat, u li joffrulu protezzjoni mill-molestja u fastidju tan-nies li kienu qed jiffrekwentaw l-imsemmi *Bar u Restaurant*, l-esponenti kellu jitlaq mid-dar tal-abitazzjoni tieghu fuq indikata u jmur jirresjedi f'fond iehor u jhallas rati kummercjali.

Premess li l-attur minhabba dan l-agir illegali tal-konvenuti sofra danni sostanzajli kemm morali kif ukoll rejali, kif previsti mill-Kodici Civili kif ukoll mill-ligi tal-istampa Kap. 248, minhabba l-pubblicita' tal-process kriminali.

Ghalhekk l-attur talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1 tiddikjara li l-attur sofra danni sostanzjali minhabba l-agir illegali w n-nuqqasijiet tal-konvenuti;

2 tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur, kemm taht il-Kodici Civil kif ukoll taht il-ligi tal-istampa;

3 tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jhallas lill-attur dik is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Protest Gudizzjaiju tal-4 ta' Ottubru, 1994, tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Novembru, 1999, kif ukoll dik bonarja tas-27 ta' Marzu, 1997, u bl-imghaxijiet skond il-ligi, kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol 3;

Rat in-nota’ ta’ eccezzjonijiet ta’ l’Onorevoli Prim Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija a fol.13 tal-process fejn eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok il-Prim Ministru mhux legittimu kontradittur f’din il-kawza in kwantu huwa qatt ma kellu relazzjoni guridika ma’ l-attur u dan jemergi car anki mid-dicitura tac-citazzjoni attrici. Ghalhekk ii-Prim Ministru ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi similment il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija mhux legittimu kontradittur fil-konfront ta’ l-attur inkwantu fis-sistema guridiku Malti ma tezisti l-ebda *vicarious liability in tort* u kull persuna tirrispondi personalment ghall-att illecitu.

   Jekk subaltern tal-Kummissarju tal-Pulizija jkun ikkometta delitt jew kwazi delitt (u dan mhux il-kaz odjern) jirrispondi personalment dan is-subaltern u mhux l-eccipjent vicarjament.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju l-ligi ta’ l-Istampa m’ghandha l-ebda applikabilita’ ghal-lanjanzi u ghat-talbiet ta’ l-attur.

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju u fi kwalunkwe kaz ma kien hemm l-ebda agir irresponsabbli jew abbuziv da parti ta’ l’ufficjali subalterni tal-mittent.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**TALBA**

L-attur qed jitlob li dina l-Qorti

1. tiddikjara li l-attur sofra danni sostanzjali minhabba l-agir illegali u n-nuqqasijiet tal-konvenuti;
2. tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur, kemm taht il-Kodici Civili kif ukoll taht il-ligi ta' l-istampa;
3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jhallsu lill-attur dik is-somma hekk likwidata.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew

**1.** Il-Prim Ministru mhux legittimu kontradittur f'din il-kawza in kwantu huwa qatt ma kellu relazzjoni guridika ma' l-attur u dan jemergi car anki mid-dicitura tac-citazzjoni attrici.

Ghalhekk il-Prim Ministru ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija mhux legittimu kontradittur fil-konfront ta' l-attur inkwantu fis-sistema guridiku Malti ma tezisti l-ebda *vicarious liability in tort* u kull persuna tirrispondi personalment ghall-att illecitu tieghu. Jekk subaltern tal-Kummissarju tal-Pulzija ikun ikkometta delitt jew kwazi delitt (u dan mhux il-kaz odjern) jirrispondi personalment dan is-subaltern u mhux l-eccipjent vikarjament.
3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, il-ligi ta' l-istampa m'ghandha ebda applikabilita' ghal lanjanzi u ghat-talbiet ta' l-attur.
4. Fi kwalunkwe kaz ma kien hemm l-ebda agir irresponsabbli jew abbuziv da parti ta' l-ufficjali subalterni tal-eccipjent.

**KONTESTAZZJONI**

L-attur pprezenta dina l-kawza kontra l-konvenuti billi qed jippretendi li l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija permezz tas-subalterni tieghu kkawzalu danni ghax minhabba nuqqas ta' azzjoni da parti tieghu dwar rapport li hu kien qed jaghmel fuq hsejjes u tfixkil li hu kien qed isofri minhabba l-"Cool Club" f'Marsascala, post adjacenti ghall fond ta' l-attur u b'rizultat ta' dana l-attur kellu jitlaq mid-dar tieghu u jirrisjedi f'fond iehor u jhallas rati kummercjali.

Inoltre l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija u subalterni tieghu, flok hadu r-rrapport li hu kien ghamel dwar dawn il-hsejjes u tfixkil, ghamlu rapport m'ghawweg u falz, li a bazi tieghu l-attur innifsu gie akkuzat b'atti kriminali li minnhom hu gie liberat mill-Qorti wara hames snin.

Minhabba dana l-agir illegali tal-konvenuti l-attur sofra danni morali u rejali, kif previsti mill-Kodici Civili u mill-ligi ta' l-istampa minhabba l-publicita' tal-process kriminali.

Qabel ippresenta dina c-citazzjoni l-attur kien baghat ittra ufficjali (ara fol. 146) fejn ikkwantifika dawn id-danni fl-ammont ta' Lm5,497.50. Fis-7 ta' Marzu, 2001 l-attur ipprezenta affidavit addizzjonali fejn ta' dettalji ta' l-ammont (Lm3,060) li qed jippretendi talli kera post sakemm biegh il-post tieghu fejn kien joqghod.

L-attur qed jikkontendi li kieku l-Pulizija hadet il-passi opportuni biex trazzan l-attivitajiet li kienu qed isiru fl-inhawi mill "Cool Club", ma kienx ikollu bzonn jidhol fl-ispejjez zejda li fil-fatt dahal fihom.

Il-konvenuti kienu kkontestaw il-pretenzjonijiet ta' l-attur bhala nfondati (ara fol. 145). Huma qed jghidu li l-attur qatt ma ilmenta maghhom li hu kellu jitlaq mid-dar ghax huma ma kienux hadu passi (fol. 117). Anzi qed jissottomettu li mill-provi prodotti jirrizulta li fil-fatt huma kienu hadu passi kontra sid il-post u anke

ressquh il-Qorti u nstab hati (ara dokumenti a fol. 102, 105, 126, 106, 123, 107, 125, 108, 124, 127, 121, u 122.)

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Il-Prim Ministru mhux legittimu kontradittur**

Kwantu ghall l-ewwel eccezzjoni tal-konvenvuti li l-Prim Ministru mhux legittimu kontradittur f'din il-kawza, il-Qorti tirrileva li skond l-emendi ghall Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li dahlu *in vigore* bl-Att XX1V tan 1995, u partikolarment fl-artikolu 181B il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni u f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern, l-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u azzjonijiet gudizzjarji.

Issa fil-kaz in ezami min natura tat-talba fic-citazzjoni l-azzjoni hija diretta kontra l-Kummissarju tal-Pulizija u s-subalterni tieghu u l-Prim Ministru ma kellu x'jaqsam xejn. Dak li semma l-attur fin-nota tieghu f'dan ir-rigward *se mai* setgha kien japplika qabel l-emendi msemmija.

## RESPONSABILITA' TAL-KUMMISSARJU TAL-PULZIJA U TAL-UFFICJALI SUBALTERNI

Il-konvenut Kummissarju tal-Pulizija ssottometta li f'dan il-kaz ma kien hemm ebda agir irresponsabbli jew abbuziv da parti ta' l-ufficjali subalterni tieghu. Imma anke kieku, fis-sistema guridiku Malti ma tezisti l-ebda *vicarious liability in tort* u kull persuna tirrispondi personalment ghall-att illecitu.

Skond l-artikolu 1031 tal-Kodici Civili kull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha. Izda mbaghad l-artikolu 1037 jipprovvdi wkoll li kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta' hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta' hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi.

Jigifieri barra r-responsabilta' diretta hemm ir-responsabilta indiretta msemmija fl-artikolu 1037. Biex jigi invokat dan l-artikolu ta' dak li l-Inglizi jsejhu *vicarious liabiltiy* il-ligi trid li jkun hemm:

(1) relazzjoni ta' *employer/employee*;
(2) *culpa in eligendo*;
(3) l-att ta' l-impjegat li jikkawza danni lil terzi u
(4) id-danni jkunu rizultat ta' l-inkompetenza ta' l-impjegat.

Ghal fini ta' l-interpretazzjoni ta' dana l-artikolu hu bizzejjed li jigi pruvat li l-impjegat kien inkompetenti jew li *l-employer* ma kellux ragun jahseb li l-impjegat hu ta' hila. Wahda mil-ipotesijiet hija bizzejjed (Ara sentenza Grech vs Kummissarju tal-Pulizija App 1/3/88).

Fil-kaz in ezami jirrizulta mill-att ta' citazzjoni li m'hiex qed tigi imputata htija diretta tal-Kummissarju tal-Pulizija, imma responsabilta' indiretta tieghu ghal tas-subalterni.

Illi mill-provi prodotti f'dana l-kaz ma tressqet ebda prova dwar l-allegata inkompetenza tas-subalterni tal-konvenut Kumissarju tal-Pulzija anzi minn nota prezentata mill-attur lanqas hemm biss indikazzjoni ta' min huma dawn is-subalterni. L-attur ighid hekk: *"L-esponent kien talab lill-Kummissarju tal-Pulizija, b'att gudizzjarju sabiex jghaddilu l-partikolarijiet tal-ufficjali subalterni tieghu, involuti fil-kaz, biex ikun jistgha jipprocedi kontra taghhom ukoll skond il-ligi, u l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija dak in-nhar ghogbu jirrifjuta ufficjalment li dawn il-partikolaritajiet jghaddihom lill-attur*" (fol. 142).

Ghalhekk mhux talli ma saritx prova dwar l-inkompetenza tas-subalterni tal-konvenut imma lanqas hemm indikazzjoni ta' min huma.

Jekk l-attur pero' qed jirreferi ghal li Spettur Mario Bonello, li kien inkarigat mid-distrett u li hareg l-akkuzi kontra l-attur, il-Qorti

tirrileva li ma saret l-ebda prova dwar il-kompetenza ta' dana l-ufficjali. Dan l-ufficjal xehed quddiem dina l-Qorti u spjega x'kien gara u x'passi ha u ghaliex. Imbaghad sar il-process gudizzjarju normali li spicca fil-liberazzjoni ta' l-attur. Dwar l-ilmenti ta' l-attur hu pprezenta dokumenti li juru li kien ha passi dwarhom.

**L-LIGI TA' L-ISTAMPA**

Il-konvenut Kummissarju tal-Pulzija qed jeccepixxi wkoll li l-ligi ta' l-istampa m'ghandha ebda applikabilita' ghal lanjanzi u ghat-talbiet ta' l-attur u dak li qed jitlob l-attur ma jaghmilx sens legalment in mankanza ta' kundanna f'dan is-sens minn Qorti kompetenti. L-attur ma jistax minn rajh jiddeciedi u jakkorda lili nnifsu danni fl-ammont ta' Lm5,000 minhabba xi allegat ksur tal-ligi ta' l-istampa.

Dwar dina l-eccezzjoni l-Qorti tirrileva li skond l-artikolu 33 tal-Kap. 248 il-ligi ta' l-istampa, l-ebda azzjoni ma tittiehed dwar il-pubblikazzjonijiet li gejjin: (e) pubblikazzjonijiet ta' rapporti ta' procedimenti f'qorti tal-gustizzja f'Malta, kemm il-darba dawk ir-rapporti jkunu rapport gusti tal-procedimenti u l-pubblikazzjoni ta' dawk ir-rapporti jew procedimenti ma tkun projbita b'ligi jew mill-qorti.

Fil-kaz in ezami l-attur kien tressaq il-Qorti fuq akkuzi kriminali, sar il-process gudizzjarji, u eventwalment wara li tressqu u nstemghu l-provi gie liberat. Il-process gudizzjarju kien wiehed pubbliku kif

ghandu jkun skond il-ligi, u r-rapporti li saru ma kienux projbiti mill-ligi u ghalhekk ma kien hemm ebda ksur ta' xi ligi ta' li stampa.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet attrici, fic-cirkostanzi partikolari ta' dana l-kaz, l-ispejjez jibghu bla taxxa.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur**